# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 328/2019 JVC**

**Salvatore Borg sive Salvatore Borg Bonaci**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Salvatore Borg maghruf bhala Salvatore Borg Bonaci kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-attur Salvatore Borg twieled nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija tlieta u erbghin (1943), hekk kif jirrizulta mill-att tat-twelid tieghu bin-numru tal-iskrizzjoni erbghin (40) tas-sena elf disa' mija u erbgha u erbghin (1944), kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata 'Dok A';

2. Illi l-familja tal-attur, inkluz l-attur, huma maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci', liema kunjom origina minn omm missier l-esponenti, Emanuela Borg nee' Bonaci, illum mejta, li dejjem baqghet maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' (vide certifikat tat-twelid ta' missier l-attur, Elia Borg Bonaci, hawn anness u mmarkat 'Dok B' u certifikat taz-zwieg tal-genituri ta' missier l-attur, hawn anness u mmarkat 'Dok C');

3. Illi fl-elf disa' mija u tlieta u hamsin (1953) missier l-attur, Elia Borg, waqqaf in-negozju bl-isem ta' 'Elia Borg Bonaci' liema negozju gie aktar tard fis-sena elf disa' mija disa' u sebghin (1979) registrat bhala kumpanija bl-isem ta' 'Elia Borg Bonaci Limited', ta' liema kumpanija l-attur hu azzjonist (vide dettalji tas-socjeta' Elia Borg Bonaci Limited, inkluz l-*Involved Parties* fl-istess socjeta' , hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok D1', 'Dok D2' u 'Dok D3' rispettivament); u konsegwentement ghal dawn l-ahhar sitta u sittin (66) sena l-familja kollha tal-attur, inkluz l-attur, baqghu maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci';

4. Illi missier u omm l-attur baqaw ghalhekk tul il-bqija ta' hajjitom maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' u dan ukoll kif jirrizulta inter alia mill-Att ta' Akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat hmistax (15) ta' Jannar elf disa' mija u tmenin (1980), mill-iskrittura privata bejn l-eredi tal-imsemmi Elia Borg Bonaci datata tnejn ta' Dicembru elf disa' mija tlieta u disghin (1993) u mill-Att tal-Mewt nru. 2662/1985 ta' "Rita Borg Bonaci" fejn qieghda imnizzla

bil-kunjom Borg Bonaci u bhala "WIFE OF ELIA BORG BONACI" fl-istess att. Kopji tal-imsemmija dokumenti jinstabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok D', 'Dok E' u 'Dok F' rispettivament;

5. Illi inoltre l-attur bhala individwu minn dejjem kien maghruf bil-kunjom "Borg Bonaci" u dan kif jirrizulta inter alia mill-varji dokumenti li qed jigu prezentati u mmarkati bhala 'Dok H' sa 'Dok S';

6. Illi l-fatt illi l-kunjom "Borg Bonaci" li bih l-attur hu maghruf u li hu kunjom tal-familja tal-attur ma jikkombacjax mal-kunjom riprodott fl-att tat-twelid tal-attur (iskrizzjoni nru. 40/1944) u dan qieghed jikkawza inkonvenjent lill-attur kemm fil-hajja privata tieghu kif ukoll f'dik pubblika hekk kif ser jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi mid-dritt tieghu skond l-artikolu 253 et sequitur tal-Kodici Civili u jitlob illi jsiru t-tibdiliet neccessarji sabiex l-atti ufficjali tieghu kollha jirriflettu l-kunjom li bih hu maghruf;

**Talbiet:-**

8. Ghaldaqstant l-esponenti, in vista tal-premess, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti:

i. Tordna, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-publikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

ii. Tordna lil konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-Twelid tal-attur, Salvatore Borg, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 40/1944 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestata 'isem u

kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala "Borg Bonaci" minflok "Borg";

iii. Tordna lil konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attur;

B'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi l-esponent jeccepixxi li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi fil-mertu l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero` jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

3. Illi fil-kaz odjern, l-attur twieled lil Elia u Rita, konjugi Borg, nhar is-27 ta' Dicembru 1943 u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid tieghu, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. L-attur irrileva illi l-familja tieghu huma maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci', liema kunjom jorigina mill-kunjom tan-nannu u l-kunjom xbubit nanntu paterna, Salvatore Borg u Emmanuela Borg, xebba Bonaci. Dan jista' jigi kkorabborat permezz tal-Att tat-Twelid ta' missier l-attur, liema Att jgib in-numru progressiv 5094 tas-sena 1913, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2'. L-attur annetta numru ta'

provi dokumentarji sabiex jikkonstata l-fatt illi l-kunjom 'Borg Bonaci' huwa dak il-kunjom li jappartjeni lilu u lil familtu;

4. Illi f'dan l-istadju l-esponent jissottolineja illi ma huwiex jigi kontestat jekk l-attur ghandux konessjoni mal-kunjom 'Bonaci', ghaliex huwa car illi dan il-kunjom kien jappartjeni lin-nanna paterna tieghu meta din kienet ghadha xebba. Madanakollu, dak li qieghed jigi mitlub mill-attur fil-kawza odjerna huwa tibdil fil-kunjom ta' missieru u hawnhekk huwa ta' relevanza d-dikjarazzjonijiet li saru fit-twelid tal-attur u ta' missieru. Fil-fatt, fl-Att tat-Twelid ta' missier l-attur (Dok. DRP 2), gie mnizzel illi d-dikjarazzjoni tat-twelid ta' Elia Borg saret minn ommu u cioe' n-nanna tal-attur, Emmanuela Borg. B'hekk missier l-attur inghata l-kunjom Borg u jidher li, ghall-inqas sat-twelid ta' ibnu Salvatore Borg u cioe' sa meta kellu tletin (30) sena, huwa baqa' juza u jiffirma bhala 'Elia Borg' u mhux 'Elia Borg Bonaci', hekk kif jista' jigi kkonstat mill-Att tat-Twelid tal-attur stess (Dok. DRP 1);

5. Illi nonostante s-suespost, l-esponent huwa konsapevoli tal-fatt illi ghalkemm il-ligi nostrana ma tippermettix tibdil fil-kunjom, il-Qrati taghna ma ghadhomx japplikaw l-istess disposizzjonijiet tal-ligi b'mod rigoruz. Stante tali pozizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onoroabbli Qorti, salv illi r-rikorrent igib ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi missier ir-rikorrent, Elia Borg, u kif ukoll il-familja tal-istess Elia Borg, kienu konsistentament maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' sa minn qabel ma twieled ir-rikorrent;

6. Illi bla hsara ghal premess, ghandu jigi sottolinejat illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-konvenut stante illi huwa mexa u applika l-ligi

nostrana hekk kif inhu spettat minnu. Kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 15 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Salvatore Borg permezz tar-rikors guramentat odjern qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 40 tas-sena 1944 sabiex fil-kolonna 'Isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi kkancellat u sostitwit minn dak ta' 'Borg' ghal dak ta' 'Borg Bonaci'.

Fir-risposta tieghu d-Direttur intimat, fost affarijiet ohra, irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti salv li r-rikorrenti igib ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi missier ir-rikorrenti, Elia Borg, u kif ukoll il-familja tal-istess Elia Borg, kienu konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' sa minn qabel ma' twieled ir-rikorrenti;

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-Ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 58 tal-process u ghalhekk giet sorvolata l-ewwel talba attrici;

Rat illi fl-atti gew esebiti bosta dokumenti li lkoll jevidenzjaw li kemm ir-rikorrenti, kif ukoll il-familja tieghu kienu ghal zmien twil

maghrufa anke b'mod ufficjali bil-kunjom 'Borg Bonaci'. Dawn id-dokumenti li ser jigu elenkati wiehed b'wiehed kollha jaghmlu referenza ghall-kunjom tal-familja bhala dak ta' Borg Bonaci. Id-dokumenti huma s-segwenti:

(i) Ftehim datat 24 ta' Settembru, 1979 bejn Carmelo, Salvatore, Elia, Francis u Gaetano lkoll ahwa Borg Bonaci fejn permezz ta' dan il-ftehim giet iffurmata l-kumpanija 'Elia Borg Bonaci Limited' (a fol. 10 tal-process);

(ii) Dokument mir-Registry of Companies Agency tal-kumpanija Elia Borg Bonaci Limited (C4703) minn fejn jirrizultaw bosta dettalji fosthom tas-shareholders fejn bosta minnhom huma ndikati bil-kunjom ta' 'Borg Bonaci' (a fol. 11 sa 17 tal-process);

(iii) Kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 15 ta' Jannar, 1980 bejn Elia Borg Bonaci u Carmelo u Salvatore ahwa Borg Bonaci li kienu qeghdin jidhru fuq l-att ghan-nom u in rappresentanza ta' Elia Borg Bonaci Ltd (a fol. 18 sa fol. 22 tal-process);

(iv) Skrittura privata datata 2 ta' Dicembru, 1993 bejn l-eredi tal-mejjet Elia Borg Bonaci (a fol. 23 sa fol. 24 tal-process);

(v) Att tal-mewt ta' Rita Borg Bonaci bin-numru tal-iskrizzjoni 2662/1985 li tigi omm ir-rikorrenti u li fis-sezzjoni 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla' giet indikata bhala 'wife of Elia Borg Bonaci' (a fol. 25 tal-process);

(vi) Kopja tal-ktieb tax-xoghol tar-rikorrenti mahrug fid-data tas-17 ta' Marzu, 1975 fejn gie ndikat bhala Salvu Borg Bonaci (a fol. 26 u fol. 27 tal-process);

(vii) Avviz mir-Registratur tal-Qrati Kriminali datat 22 ta' Gunju, 2005 mahrug fuq Saviour Borg Bonaci detentur tal-karta tal-identita' numru 4044(M) (a fol. 29 u fol. 30 tal-process);

(viii) Kopja tal-karta tal-identita' tar-rikorrenti fejn bhala 'Isem' hemm indikat 'Salvatore Borg Bonaci' (a fol. 31 tal-process);

(ix) Rendikont tal-Holdings mahrug mill-Malta Stock Exchange p.l.c datat 31 ta' Dicembru, 2015 fejn r-rikorrenti huwa msejjah bhala Salvatore Borg Bonaci (a fol. 32 tal-process);

(x) Kopja ta' FS3 li ghalqet fis-sena 31 ta' Dicembru, 2017 fejn r-rikorrenti huwa msejjah bhala Salvatore Borg Bonaci (a fol. 33 tal-process);

(xi) Kopja ta' ricevuta mill-MAPFRE MSV Life datata 9 ta' April, 2018 fejn ir-rikorrenti flimkien ma' martu huma msejha bhala 'Salvatore Borg Bonaci & Doris Borg Bonaci' (a fol. 34 tal-process);

(xii) Bosta ittri, komunikazzjonijiet u avvizi li jmorru lura fis-snin li jindikaw lir-rikorrenti bhala 'Salvatore Borg Bonaci' (a fol. 35 sa fol. 41 tal-process);

(xiii) Tlett (3) kopji ta' kontijiet fuq medda ta' snin fejn ir-rikorrenti huwa ndikat bhala 'Salvatore Borg Bonaci' (a fol. 42 sa fol. 44 tal-process);

(xiv) Kopji ta' statements mahruga tul medda ta' snin minn diversi banek u avvizi ta' diversi kumpaniji li taghhom ir-rikorrenti kien azzjonist fejn jaghmlu referenza ghar-rikorrenti bhala 'Salvatore Borg Bonaci' (a fol. 45 sa fol. 54 tal-process);

(xv) Kopja ta' rendikont mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali datata 2 ta' Jannar, 2019 flimkien ma' ricevuta minn Transport Malta datata 23 ta' April, 2018 fejn jaghmlu referenza ghar-rikorrenti bhala 'Salvatore Borg Bonaci' (a fol. 55 sa fol. 56 tal-process);

(xvi) Atti ta' twelid ta' Gaetano bin-numru tal-iskrizzjoni 8560 tas-sena 1953, Maria Carmela bin-numru tal-iskrizzjoni 330 tas-sena 1950, Rita bin-numru tal-iskrizzjoni 3676 tas-sena 1952, Carmel bin-numru tal-iskrizzjoni 6310 tas-sena 1941, Francis bin-numru tal-iskrizzjoni 10538 tas-sena 1948, Emanuela bin-numru tal-iskrizzjoni 3258 tas-sena 1945, Lucia bin-numru tal-iskrizzjoni 1517 tas-sena 1951 u Eliah bin-numru tal-iskrizzjoni 5438 tas-sena 1946 **li lkoll jigu hut ir-rikorrenti Salvatore Borg** fejn fl-atti tat-twelid taghhom referenza ghal kunjom tal-genituri huwa ndikati bhala dak ta' 'Borg Bonaci'.

Illi jirrizulta li dan il-kunjom kien origina minghand in-nanna paterna tar-rikorrent li kien jisimha Emanuela Borg xebba Bonaci. Fis-snin il-kunjom Borg zdied ma' Bonaci u l-familja giet maghrufa bil-kunjom ta' 'Borg Bonaci'. L-isem baqa' konness mal-familja tant li kienu waqfu kumpanija tal-catering li giet moghtija l-isem ta' 'Elia Borg Bonaci Limited'. Kif jirrizulta mill-atti tat-twelid esebiti fil-process, hafna mill-membri tal-familja (hut ir-rikorrenti) gew indikati bhala 'Borg Bonaci' madanakollu fil-kaz tar-rikorrenti fl-att tat-twelid tieghu gie ndikat bhala 'Borg'. Ir-rikorrenti esebixxa numru kbir ta' dokumenti relatati mieghu fuq medda ta' snin li lkoll jindikaw lilu msejjah bil-kunjom 'Borg Bonaci'. Esebixxa wkoll numru ta' dokumenti li jindikaw li l-familja tieghu minn dejjem kienet maghrufa bhala 'Borg Bonaci'. Dan gie wkoll ikkonfermat mir-rikorrent innifsu li taha d-deposizzjoni tieghu fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Ottubru, 2019 u fejn kkonferma bil-gurament li sa minn

dejjem l-familja tieghu kienet maghrufa bhala 'Ta' Elia Borg Bonaci' (a fol. 74 sa fol. 77 tal-process).

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li mill-atti jirrizulta li saru l-pubblikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Salvatore Borg bl-iskrizzjoni numru erbghin (40) tal-elf disa' mija erbgha u erbghin (1944) fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrenti Salvatore Borg, taht il-kolonni intestati "Isem u kunjom missier it-tarbija", kunjom il-missier minn 'Borg' jigi kkancellat u sostitwit bil-kliem 'Borg Bonaci';

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2019**